MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 19/2010

**Joseph Caruana Company Limited**

**Vs**

**John u Helen konjugi Vella u G.V. Gozo Developments Limited li gie korrett ghal G.V. Gozo Developments Company Limited b'digriet tad-9 ta' Novembru 2011**

Il-Qorti,

Rat li fl-Avviz is-socjeta' attrici talbet hekk:

'Ghidu intom konvenuti jew minn minnkom ghaliex ma ghandkomx tigu kundannati thallsu l-ammont ta' totali ta' sebat elef sitt mija u hamsa u ghoxrin euro u erbgha u disghin euro centezmi (€7,625.94) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija konsenjata lilkom mis-socjeta' rikorrenti fuq talba u fuq struzzjonijiet taghkom stess, skond statements annessi u markati bhala Dokumenti A u B. Minkejja li

intom kemm-il darba rrikonoxxejtu mar-rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti li dan l-ammont kien dovut minnkom, intom bqajtu inadempjenti u ma hallastux dan l-ammont u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-konsenji relattivi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 135/2010 prezentata fit-28 ta' Settembru 2010 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap12 (Kopja annessa bhala Dokument C) (illi fiha ntalbu wkoll l-imghaxijiet skont il-ligi) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa intom ingunti. B'rizerva ghall-ispejjez tal-mandati li jistghu jigu intavolati fil-futur.'

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha gew ezebiti Dokumenti JC 1 sa JC 23 l-invoices li hemm indikati fl-istatements li gew annessi ma' l-avviz.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2011 minn fejn jirrizulta li l-konvenut John Vella ddikjara li kien ghadu kif gie notifikat bl-avviz inferjuri u l-avviz tas-smiegh tieghu ghan-nom ta' martu u ghan-nom tal-kumpanija G.V. Gozo Developments Ltd. Il-konvenut spjega li qieghed joggezzjona ghat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti f'dan ir-rigward:

1. Il-hlas hu dovut mill-kumpanija GV Gozo Development Co Ltd u mhux minnu u martu personalment. B'referenza ghall-invoice li tinsab a fol 40 (JC23) ikkonferma li mill-kontijiet li pprezentat is-socjeta' attrici dak hu l-uniku kont li ffirma hu u kien qieghed jiffirma ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, l-invoices l-ohra huma ffirmati minn impjegati tal-kumpanija.

2. fir-rigward ta' l-invoice JC23, a fol 40, l-ammont li qeghda titlob is-socjeta' attrici hu aktar mill-prezz miftiehem li kien ta' erba' liri Maltin (Lm4) ghal kull metru u l-kejl kien ta' mitejn metru (200m).

3. fir-rigward ta' l-invoice JC15, a fol 31, iz-zebgha nxtrat mill-kumpanija ghan-nom tan-Nutar Paul George

Pisani u l-hlas kellu jsir minnu. Is-socjeta’ attrici kienet taf b’dan il-fatt.

4. fir-rigward ta’ l-invoice Dok JC1 m’hu dovut l-ebda hlas peress li dan thallas fit-18 ta’ Gunju 2008.

5. fir-rigward ta’ l-invoice Dok JC4 l-ammont pretiz mhuwiex dovut stante li dakinhar saret ordni wahda ghax-xiri ta’ xibka u dan kien hamsa u ghoxrin (25) xibka b’kejl ta’ erbgha punt sitta metri (4.6m) (ara invoice JC2 a fol 18) inoltre’ l-prezz miftiehem f’dan ir-rigward kien ta’ disghin centezmu Maltin (Lm0.90) kull pied li jinkludi fih il-VAT.

Illi sussegwentement l-konvenuti prezentaw ir-risposta taghhom li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari t-talba tar-rikorrenti hija preskritta u dan ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati John u Helen konjugi Vella ma humiex il-legittimi kontradditturi fil-kawza odjerna stante illi l-imsemmi materjal dejjem gie konsenjat lill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd, u ghalhekk l-imsemmija intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza odjerna;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qed titlob hlas ghall-materjal li ma giex konsenjat lill-intimati;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qed titlob hlas ghall-konsenji gia mhallsa u cioe’ invoice numru 48503 datata 04/06/2008, kif ukoll hemm talba ghall-hlas doppja u cioe invoice numru 49040 u 49051 it-tnejn datati 19/06/2008 u t-tnejn huma ghall-istess bundle xibka;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qed tippretendi hlasijiet mhux skond il-prezz miftiehem;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim bejn il-partijiet kien li ma jiddekorru l-ebda interessi fuq ix-xiri, liema ftehim ilu in vigour minn meta s-socjeta' konvenuta bidet tixtri l-materjal minghand ir-rikorrenti u cioe' mill-1992;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha'.

Rat in-noti ta'sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza kienet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Novembru 2011.

Rat li dakinhar il-qorti kien jehtiegilha aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi permezz tar-rikors taghha s-socjeta' attrici talbet lil din il-qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ammont ta' €7,625.94 rapprezentanti valur tal-merkanzija konsenjata lill-intimati jew min minnhom, dan flimkien mal-interessi dovuti fuq din is-somma mid-data tal-konsenji relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

Illi qabel xejn jehtieg li jigu sorvolati xi punti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet s-socjeta' konvenuta u anki l-konvenuti Vella qajmu diversi eccezzjonijiet godda li ma kienux tqajmu la fir-risposta u wisq anqas intalab permess biex waqt is-smigh tal-kawza jinghataw permess biex jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri. Ghaldaqstant dawn l-eccezzjonijiet ma tressqux validament u fiz-zmien opportun u kwindi m'ghandhomx jigu kunsidrati.

Fin-nota taghha[1] l-kumpannija konvenuta sostniet li ma setghetx tressaq l-eccezzjoni li l-proceduri odjerni huma nulli fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha stante li t-talba attrici kienet ghal somma wahda u kien biss wara li xehed Frank Caruana li gie spjegat li hemm zewg kontijiet li jsejhu lil zewg debituri distinti u ghalhekk setghu jqajmu dan il-punt biss fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom peress illi t-terminu ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet kien ilu li ghalaq.

Illi fl-ewwel lok mhux minnu dak sottomess mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici esebit l-invoices permezz ta' nota fit-30 ta' Dicembru, 2010 u mill-invoices jirrizulta li hemm invoice minnhom JC 23 li tghajjat biss lil Giovann Vella (kuntrarjament ghall-ohrajn li jghajtu lil Mr John Vella – G.V. Gozo Developments Ltd). Din in-nota giet notifikata lil John Vella personalment fis-6 ta' Jannar, 2011[2].

Fit-tieni lok, Frank Caruana xehed proprju fl-ewwel seduta li kienet fit-18 ta' Jannar, 2011. Dakinhar John Vella u l-avukat difensur tieghu kienu prezenti waqt li nghatat tali deposizzjoni.

Jirrizulta mill-atti li l-intimati prezentaw ir-risposta taghhom fis-7 ta' Frar, 2011 u ghalhekk altru milli setghu jressqu tali eccezzjoni fl-istadju bikri tal-kawza u meta fil-fatt kellha titressaq.
Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited**[3] fejn saret referenza ghas-sentenza *'tal-Qorti ta' l-Appell in re "**John Mary Vella et-vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f' gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu*

[1] Ghar-risposta tar-rikors tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet korrezzjoni fl-okkju
[2] A tergo fol 16 tal-process
[3] App 148/2003PS deciza fis-7 ta' Dicembru, 2005

*migbural-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu.'*

Il-Qorti ta' L-Appell tenniet li kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura,
jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din lighandha tigi osservata u segwita.

**Eccezzjoni tal-Konvenuti John u Helen konjugi Vella li mhumiex legittimi kontraditturi**

Illi qabel ma tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tigi deciza t-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenuti ossija:

*'Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati John u Helen konjugi Vella ma humiex il-legittimi kontraditturi fil-kawza odjerna stante illi l-imsemmi materjal dejjem gie konsenjat lill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd, u ghalhekk l-imsemmija intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza odjerna'*

Illi kull darba li John Vella xehed dejjem sostna li l-materjal gie konsenjat lis-socjeta' konvenuta u mhux lilu u lil martu u kwalunkwe hlas li huwa dovut ghandu jithallas mill-istess kumpanija. Madankollu din il-qorti ma tistax toqghod sempliciment fuq tali dikjarazzjoni anki ghaliex jista' jaghti l-kaz li l-konvenut qieghed jinsisti tant fuq dan sabiex il-konjugi Vella jevitaw li jkollhom sentenza kontra taghhom f'isimhom personali.

Illi fix-xhieda tieghu **Frank Caruana[4],** direttur tas-socjeta' attrici, spjega li l-kumpanija ghandha *ironmonger store* f'Ghawdex u iehor f'Malta. Huwa kkonferma li John Vella ilu snin twal jinqeda mill-hanut tal-kumpanija. Huwa spjega li l-invoices kienu bdew jinhargu f'isem John Vella pero' imbaghad kien mar il-hanut u qallu li l-ordnijiet jaghmilhom ghall-kumpanija. Huwa qatt ma kellu inkwiet mieghu pero' li fuq l-invoices mertu tal-kawza odjerna kien

[4] Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

jitnizzel isem il-kumpanija. Spjega wkoll li l-konvenut ghandu zewg codes maghhom – GGVG u GVELJI. Kont minnhom huwa dovut personalment minn John Vella u dan huwa l-invoice Dok JC23[5] li jammonta ghal €2,192. Il-kumplament huwa dovut mill-kumpanija.

Fil-kaz inkwistjoni l-invoice li giet prezentata bhala 'Dok B' hija intestata John Vella u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li John Vella u martu huma estraneji ghal din l-invoice u ghaldaqstant ma jistghux jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

## **Preskrizzjoni**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti flimkien eccepew li:

*'Illi in linea preliminari t-talba tar-rikorrenti hija preskritta u dan ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta'*

Illi l-konvenuti ressqu noti ta' sottomissjonijiet b'mod separat minn xulxin u dan ghalkemm l-eccezzjonijiet ressquhom konguntivament permezz ta' risposta wahda. Jirrizulta li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta ma semmiet xejn dwar din l-eccezzjoni u ghalhekk jidher li s-socjeta' konvenuta m'ghadhix tinsisti fuq l-istess eccezzjoni izda ladarba ma gietx irtirata triq xorta wahda tigi kkunsidrata u deciza.

Min-naha l-ohra l-konvenuti John u Helen konjugi Vella trattaw din l-eccezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Illi l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 jipprovdi hekk: *'l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.....jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.*

[5] A fol 40 tal-process

Fis-sentenza diga' citata fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** inghad is-segwenti:

*'Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-kaz ta' bejgh "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. (Ara **Kollez. Vol. XLV P III p 813**). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 959**);*

*L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f'opra (**Kollez. Vol. XXIII P I p 909**) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa ("**Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello et nomine et**", Appell Civili, 22 ta' Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista "vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo piu` a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro" (Vol. XXI P III p **235**). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b)';*

Referenza ssir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et**[6] fejn intqal :

*'Il-pern ta' din id-disposizzjoni huwa li dik il-preskrizzjoni tapplika **biss** fil-kaz ta' bejgh bl-imnut.*

*Fil-bejgh bl-imnut huma nkluzi dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min*

[6] Cit Nru: 1257/2008JZM deciza fit-28 ta' Jannar, 2010

*hu kummercjant kemm lil min mhux (**Vol.XLV.III.813**). Dan ifisser li fil-kaz tal-Art.2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni per se mhux lejn il-kwalita' tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe' jekk humiex abitwalment fil-kummerc jew le (**Vol.XLVIII.II.959**). Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (**Vol.XXIII.I.909**) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (**"Borg vs Bonello et noe et"** – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro (**Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et"** – Appell – 25 ta' Mejju 2001).'*

Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-bejgh *de quo*, taht l-ebda cirkostanza, ma jirrizultalha li dak in kwistjoni kien bejgh bl-imnut sabiex tista' tigi nvokata l-preskrizzjoni skont l-Art.2148(b) tal-Kap.16. Fil-kaz inkwistjoni, is-socjeta' attrici ma kinitx qed tbiegh il-materjal bhala 'the end consumer' izda dan il-materjal kien qieghed jinxtara sabiex jintuza' fix-xoghol ta' kostruzzjoni u *finishing* ta' proprjeta' li huma kienu qeghdin jaghmlu fl-interess u fuq struzzjonijiet ta' terzi. Dan bl-ebda mod ma gie kontradett mill-konvenuti u mis-socjeta' konvenuta u wisq anqas ma ngabet xi prova kuntrarja. Ghalhekk dan ma jistax jitqies li kien kaz ta' bejgh ta' oggett ta' konsum ta' kuljum jew inkella oggett *che si vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro*. Referenza ssir hawnhekk ukoll ghal mistoqsija li saret mill-avukat difensur tal-intimati lil Dr Michael Caruana in kontro-ezami testwalment *'Jigifieri taqbel li dan ix-xoghol kien qed jittiehed ghal xoghol ta' tal-kuntrattur, hux hekk?'*[7]*.* Dan huwa konferma li x-xoghol li kien qieghed

[7] A fol. 56 tal-process

jinxtara kien intiz sabiex jintuza' fix-xoghol ta' kostruzzjoni ghal terzi persuni.

Illi fl-istess sentenza appena citata, il-Qorti tenniet mill-gdid il-principju li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001)

Illi pero' anki kieku ghall-grazzja ta' l-argument, l-artikolu 2148(b) kien applikabbli id-difiza u x-xhieda tal-konvenut John Vella hija kontradittorja ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u hawn japplika l-principju li *"ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatabbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".* (**Vol. XXVII.i.307).**

Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **Dr.Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo**[8] fejn gie ritenut *"li kieku l-konvenut xehed li m'ghandhux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas ftakar li ghandhu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx"* u allura f'kaz bhal dan mhux iktar opponibbli ghall-azzjoni tal-attur l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex b'hekk l-konvenut, bhal dan il-kaz, pogga ruhhu b'att tieghu spontaneu fir-risposta u fix-xhieda tieghu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u

[8] App Civ deciz 19 ta' Mejju, 2000

f'dan is-sens issir riferenza ghas-sentenza **Joseph Vella vs Peter Abela et[9].**

Bizzejjed issir referenza ghal uhud mid-dikjarazzjonijiet tal-konvenut John Vella waqt ix-xhieda tieghu. Ibda biex fl-ewwel seduta l-istess John Vella kkontesta xi invoices u xi prezzijiet li skont huwa ma kienux skont kif miftehma. Fix-xhieda tieghu imbaghad rega' elabora fuq din il-kontestazzjoni. Inoltre' testwalment xehed hekk ukoll[10]:

*'Il-Qorti*

*Imma inti ghandek ittihom xi haga jew m'ghandek ittihom xejn?*

*Xhud*

*Da zgur li ghandi ntihom. Jiena.'*

Aktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu qal[11] li huwa mar b'pagament tal-ammont li mhux jikkontesta izda Frank Caruana rrifjutah forsi ghax haseb li se jippregudika l-posizzjoni tieghu.

In vista tas-suespost irrizulta li mhux talli il-kumpanija konvenuta kkontestat xi invoices izda talli rrinunzjat kompletament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha mressqa meta d-direttur taghha John Vella ammetta li huwa debitur tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tintlaqa' a favur tas-socjeta' konvenuta kemm ghaliex l-artikolu invokat mhux applikabbli kif fuq spjegat; kif ukoll, anki kieku kien applikabbli l-preskrizzjoni giet rinunzjata bid-difiza mressqa mill-istess socjeta' konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-konjugi Vella l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wkoll ma tistax tintlaqa' ghaliex l-istess John

[9] Rik 992/2007RCP deciza fil-5 ta' Mejju, 2011
[10] A fol 82 tal-process
[11] Fol 85 u 86 tal-process

Vella ressaq diversi kontestazzjonijiet fil-konfront ta' Dok JC 23 li huwa l-invoice li jghajjat lilhom personalment.

**<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>**

**<u>Fit-tielet eccezzjoni</u>** taghhom il-konvenuti eccepew li *'ir-rikorrenti qed titlob hlas ghall-materjal li ma giex konsenjat lill-intimati'*

Din l-eccezzjoni ma rrizultatx fondata mill-provi prodotti. Kif gie spjegat mid-direttur tas-socjeta' attrici Michael Caruana[12] is-socjeta' tipprepara l-invoice li tinghata lid-delivery man flimkien mal-materjal. Dan jiehu l-original ta' l-invoice u kopja roza. L-original jinghata lill-klijent li jiffirma fuq l-original u b'hekk tigi tirrifletti l-firma wkoll fuq il-kopja kulur roza. Id-delivery man imbaghad jaghti lura lis-socjeta' attrici l-invoice ffirmata mill-klijent. Ghalhekk ghal kull konsenja li kienet issir lill-intimati hemm invoice iffirmata mill-intimati nfushom jew inkella minn rapprezentanti jew impjegati taghhom. Gie spjegat minn Michael Caruana (mhux kontradett mill-intimati) li huwa normali li kuntratturi bhalma huwa Vella jibghat impjegati biex jigbru l-materjal. Is-sid ikun indika lil certu nies li se jmorru jixtru ghalih u b'hekk ikunu awtorizzati li meta jmorru dawn in-nies jixtru minghandhom jiehdu l-materjal li jkun gie ordnat. Dawn in-nies ikunu maghrufin maghhom.

Jidher li l-konvenuti qeghdin jirreferu ghal konsenja ta' xibka li allegatament impjegat tas-socjeta' konvenuta ma kienx qieghed iwassal il-materjal ghand il-konvenuti. Apparti l-fatt li dan ma giex ippruvat, pero' jibqa' l-fatt li din il-persuna kienet awtorizzata li tigbor materjal minghand is-socjeta' attrici ghall-konvenuti. Jekk dak allegat mill-konvenuti ghandu mill-veru huma ghandhom il-jedd iduru fuq dan l-individwu izda ma jistghux jippretendu li tbati s-socjeta' attrici. Fl-ahhar mill-ahhar is-socjeta' attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' din it-terza persuna.

[12] A fol 46 tal-process

**Fir-raba' eccezzjoni** taghhom il-konvenuti eccepew li *'ir-rikorrenti qed titlob hlas ghall-konsenji gia mhallsa u cioe' invoice numru 48503 datata 04/06/2008, kif ukoll hemm talba ghall-hlas doppja u cioe invoice numru 49040 u 49051 it-tnejn datati 19/06/2008 u t-tnejn huma ghall-istess bundle xibka'.*

Illi dwar l-invoice numru 48503 markata Dok JC1[13] fl-ammont ta' €25, il-konvenut John Vella fis-seduta tat-18 ta'Jannar, 2011 spjega dwar din l-invoice li mhu dovut l-ebda hlas peress li dan thallas fit-18 ta' Gunju 2008.

Nonostante izda li qed jigi eccepit li sar pagament pero' l-ebda ricevuta ma giet prezentata u m'hemm l-ebda dubju li kien jinkombi fuq l-istess socjeta' konvenuta li tipprova dak li qeghda tallega. Inoltre' fil-15 ta' April 2011 gie vverbalizzat li l-konvenut mhux qed jikkontesta li dawn ghandhom jithalsu.

Illi rigward l-allegazzjoni li hemm talba ghall-hlas doppju tal-invoices numru 49040 u 49051 datati 19 ta' Gunju 2008 li jirreferu ghal zewg bundles xibka. Il-konvenuti qeghdin isostnu li s-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ta' zewg bundles xibka meta fir-realta' kien ittiehed biss bundle wiehed ta' xibka.

Il-konvenuti jargumentaw li s-socjeta' attrici ezebit il-kopji u mhux l-original ghalkemm l-invoices ghandhom numru ta' sekwenza differenti. Gie sottomess li dan huwa l-istess bundle xibka ghax kemm ilha tahdem il-kumpanija qatt ma xtrat zewg bundles xibka f'daqqa. Inoltre' dawn l-invoices gew iffirmati mill-istess impjegat u fl-istess gurnata. Hawn ukoll din hija indikazzjoni cara li ma jistax ikun li ttiehdu zewg bundles ghaliex il-kumpanija qatt ma wzat zewg bundles xibka fl-istess gurnata. Kieku l-kumpanija kellha bzonn zewg bundles kienet tigborhom f'konsenja wahda u mhux f'darbtejn ghax it-truck tal-kumpanija jiflah sa massimu ta' erba' bundles u ghalhekk seta' jgorr zewg bundles facilment.

---

[13] A fol 17 tal-process

Il-konvenuti sostnew li jekk huwa minnu li ttiehed it-tieni bundle xibka, dan ma ttehidx ghall-kumpanija izda seta' ttiehed bil-qerq mill-impjegat Joe Bugeja ghalih personalment. Kienet l-attrici li ghaddiet il-materjal lil Joe Bugeja. Konsegwentement Bugeja hadu minghand l-attrici u mhux minghand il-kumpanija li kien jahdem maghha u ghalhekk il-hlas ghandu jigi reklamat minn Bugeja. Ikomplu li s-socjeta' attrici ma kkonfermatx ma' John Vella li fil-fatt kellha ssir konsenja ohra tat-tieni bundle xibka, kif kien soltu jsir fejn ikun hemm xi transazzjonijiet mhux tas-soltu. B'referenza ghad-djarju prezentat minn John Vella jidher fuq l-istess djarju li bundle xibka wahda kien hemm.

Dwar din il-kwistjoni Frank Caruana[14] xehed li fl-istess gurnata haddiem tas-socjeta' konvenuta l-ewwel ha bundle ta' hamsa u ghoxrin folja. Ma qaghdulux fuq it-trakk, mar bix-xoghol u rega' mar ghandhom. Huma ghandhom l-invoices kollha ffirmati. Spjega li jkejlu x-xibka. Jista' jkun li t-tieni konsenja kienet ftit itwal mill-ewwel wahda. Ghal dak li hija kwantita' fl-ewwel invoice jidher mija u hmistax-il metru (115m), fit-tieni invoice mija u sittax punt hamsa u ghoxrin metru (116.25m).

Dr Michael Caruana [15] xehed hekk : *'Nikkonferma li l-procedura li nuzaw ahna hi li meta jigi l-klijent personalment biex jiehu l-konsenja tal-materjal jibqa' diehel bit-trakk fil-warehouse taghna. F'dan il-kaz il-klijent mar jigbor ix-xibka mill-warehouse relattiva. Ghandna overhead crane li biha inqeghdu x-xibka fit-trakk tal-klijenti. Kif ilesti u johrog mill-warehouse hu jieqaf hdejn l-ufficcju. L-iskrivan jew wiehed mill-haddiema li jkunu jghabbu x-xoghol jidhlu l-ufficcju u jsir l-invoice. Isir il-kejl qabel….Jittiehed il-kejl biex naraw kemm hu twil il-bundle u tinhareg invoice. Il-klijent jiffirma l-invoice. Ahna nzommu l-kopja r-roza u s-safra u l-klijent jiehu l-original. Fil-kaz tal-bundles, dawn iz-zewg bundles,li l-konvenut qed jallega li wiehed minnhom hu zghir, nispjega li l-invoices ma jsegwux lil xulxin.bejniethom hemm diversi invoices ohra. Dan juri bic-car li l-konsenja saret f'darbtejn*

[14] A fol 42 tal-process
[15] A fol 46 tal-process

*u ghandna l-firem relattivi tal-persuna li hadet il-bundles'.* Fi kwalunkwe kaz, lil John Vella kien jintbgahtlu statement of income kull xahrejn jew tlett xhur u dan peress li jahdem bil-credit maghhom. Qatt ma kien hemm ilment dwar dan.

Rigward l-allegazzjoni li xi xoghol kien ghan-Nutar Pisani, Frank Caruana xehed li n-Nutar Pisani ghandu wkoll kont maghhom. Meta Vella kien ighidlu li x-xoghol kien ghan-Nutar Pisani x-xoghol kien jitnizzel fuq il-kont tan-Nutar u mhux fuq tal-konvenut Vella. Ghalhekk li kieku gew infurmati li x-xoghol kien ghan-Nutar Pisani kienu jaddebitawh fuq il-kont tieghu. Kull min ghandu kont maghhom jircievi statement kull tlett xhur.

Illi l-versjoni tas-socjeta' attrici hija aktar kredibbli u dan peress li jirrizulta mill-invoices Dok JC 2 u Dok JC 4 li l-kwantita' kienet tvarja anki jekk minimament u anki t-tul tax-xibka kienet differenti. Allura certament li hawn si tratta ta' zewg konsenji differenti. Inoltre' b'referenza ghad-djarju jirrizulta li hemm indikat effettivament li huwa ha zewg bundles xibka. Biss huwa ovvju li John Vella pprova jhassar in-notament tieghu stess. Dan gie kkostatat mill-Qorti stess, kif diversament presjeduta, x'hin ezaminat id-djarju. Fil-fatt fil-verbal tal-15 ta' April 2011 intqal hekk 'il-qorti ghamlet referenza ghall-pagna datata Hamis 19 ta' Gunju 2008 u gibdet l-attenzjoni tal-konvenut li jidher li fejn hemm il-kelma bundle wara l-L thassret ittra bil-gomma li jidher li hi S u li min hassar din l-ittra laqat ukoll l-ittra B fl-isem Billi u l-linja taht il-kliem ta' Skarsu, talbet lill-konvenut jaghti spjegazzjoni ta' dan. Il-konvenut iddikjara li milli jidher kienet saret korrezzjoni ghax jidher li ttiehed zball u li hu cert illi bundle wiehed biss xtara u kieku kien mod iehor kien jikteb zewg bundles'.

Dwar l-allegazzjoni li jista' jkun li bundle xibka ttiehed b'qerq minn Joe Bugeja dan ma giex pruvat pero' kif diga' inghad dan ma kellu l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici li ghaliha dejjem kien qieghed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta jew tal-konvenuti peress li hekk kienu jafuh.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda

Illi fil-**<u>hames eccezzjoni</u>** taghhom, il-konvenuti eccepew li r-rikorrenti qed tippretendi hlasijiet mhux skont il-prezz miftiehem.

John Vella jsostni li l-partijiet kienu ftehmu fuq disghin centezmu Maltin kull pied, inkluz il-VAT, filwaqt illi s-socjeta' attrici zammitlu Lm0.90 kull pied eskluz il-VAT. Sabiex jsostni tali asserzjoni John Vella pproduca zewg stejjem minghand zewg fornituri ohra li jindikaw li fis-sena 2008, il-prezz kien ta' disghin centezmu inkluz il-VAT.

B'referenza ghal dawn id-dokumenti l-konvenut Vella ammetta li dawn saru biss recentement u l-persuni li qed jinghad li ghamluhom la ffirmawhom, la kkonfermawhom bil-gurament u lanqas gew prodotti biex jispjegaw id-dokument imhejji minnhom. Id-djarju prezentat fl-atti minn John Vella ma jsemmi xejn dwar prezzijiet.

Anki hawnhekk il-versjoni tas-socjeta' attrici hija aktar kredibbli. Ma giex pruvat li kien hemm xi negozjati bejn il-partijiet dwar kemm kellu jkun il-prezz ghall-bundles tax-xibka tal-hadid. Inoltre' l-istatements intbaghtu lis-socjeta' konvenuta u l-ilmenti jidhru li tressqu wara l-prezentata tal-kawza.

Il-konvenuti jilmentaw ukoll dwar il-prezz tal-madum li jidher fl-invoice Dok JC23. Il-konvenuti jargumentaw li l-prezz miftiehem kien dak ta' erba' liri Maltin (Lm4) u mhux erba' liri u nofs (Lm4.50) u li ghalhekk il-prezz gie mbaghbas.

Illi minn Dok JC 23 jirrizulta li gew suppliti *'41 Boxes Caramel Ivory x 1.42 = 200.22 @ 10.48 (@Lm4.50) = 2098.30'.* Kif tajjeb issottomettiet is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, fis-sena 2008 Malta kienet diga' adottat l-Euro bhala l-munita taghha. Il-prezz indikat fil-munita euro kien ta' €10.48. u meta dan jigi kkonvertit fir-lira antika jigi Lm4.50. Kieku l-prezz miftiehem kien Lm4 l-figura bl-euro kellha tkun €9.32. Tajjeb jinghad hawn li hadd mill-konvenuti mhu qed jikkontesta l-ammont

li jidher fil-munita euro. Ladarba anki fis-sena 2008 il-munita euro kienet il-munita ta' Malta fi kwalunkwe kaz hija dik il-figura li ghandha tipprevalixxi.

Izda apparti dan, jirrizulta li fid-djarju m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' prezz tal-madum. Inoltre' fix-xhieda tieghu Dr Michael Caruana fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2011 wera lill-qorti l-invoice book proprju minn fejn irrizulta kif il-prezz kien ta' Lm4.50 u qal hekk *'Qieghed nikkonferma li wara s-seduta li ghaddiet ghamilna ricerka u sibna l-invoice relatat mal-madum. Caramel Ivory. Qed nuri issa lill-Qorti il-kopja taghna kulur isfar, dik li nzommu fil-ahnut u minnha jidher li l-prezz kien ta' erba' liri u nofs maltin (Lm4.50),mhux kif jidher fil-kopja erba' liri maltin (Lm4.00). Il-kopja r-roza li tinghata lill-klijent sabiex jiffirma fuqha dik qeghda wkoll fil-pussess taghna u kif jidher ukoll minn din il-kopja r-roza, il-prezz hu ta' erba' liri maltin (Lm4.00). Dan evidenti li gie rrangat wara li hareg l-invoice. Jien zgur ma biddlitx ic-cifra'.*

Inoltre' jirrizulta mill-istess invoice li din giet iffirmata minn John Vella nnifsu.

**Fis-sitt eccezzjoni** il-konvenuti eccepew li l-ftehim bejn il-partijiet kien li ma jiddekorru l-ebda interessi fuq ix-xiri, liema ftehim ilu in vigore minn meta s-socjeta' konvenuta bidet tixtri l-materjal minghand ir-rikorrenti u cioe' mill-1992.

Illi anki fir-rigward ta' din l-eccezzjoni ma ngabet l-ebda prova in sostenn taghha. L-istess John Vella xehed li qatt ma ezista xi ftehim bil-miktub li ma kellhomx jithallsu interessi. Jista' jkun li s-socjeta' attrici kienet tistaporti li s-socjeta' konvenuta u l-konvenut ma jhallasx fil-hin peress li forsi kien ikollu xi problemi finanzjarji izda dan la jfisser li kien hemm xi ftehim u wisq anqas li s-socjeta' attrici kienet qeghda tirrinunzja ghal tali interessi. Kwalunkwe rinunzja ta' dritt trid tkun cara u inekwivoka u ma tistax tigi prezunta.

Illi huwa risaput li fil-kummerc l-interessi jibdew jiddekorru minnufih. Il-konvenuti wkoll kienu avzati dwar l-interessi

ghaliex jirrizulta minn kull invoice li hemm imnizzel li *'Strictly monthly payments or 8% p.a. interest will be charged'.* Ghaldaqstant mhux talli ma giex ippruvat li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet li ma jithallasx imghax talli gie ppruvat proprju l-kuntrarju.

Konsegwentement anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, din il-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi:

(i) tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata a bazi ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap 12,

(ii) tichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha l-ohra mressqa mill-konvenuti; u

(iii) tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti John u Helen konjugi Vella jhallsu l-ammont ta' elfejn mija u tnejn u disghin euro u hames centezmi (€2,192.05) lis-socjeta' attrici; u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta G.V. Gozo Developments Company Limited thallas l-ammont ta' hamest elef erbgha mija tlieta u tletin euro u disgha u tmenin centezmi (€5433.89) lis-socjeta' attrici.

Bl-interessi bir-rata ta' 8% mid-data tal-konsenji relattivi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 135/2010 prezentata fit-28 ta' Settembru 2010 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------